# Tagħrifa Filoloġika

(ŻEMŻEM)

Meta nitħaddtu aħna l-Maltin għandna d-drawwa ngħidu: "għandu minn żmien żemżem", mita rridu ngħidu li xi ħaġa ilha ġejja mill-qedem. Għalkemm filtixt qatt ma rnexxieli li nsib mnejn hi ġejja u xi tfisser din il-kelma iżda l-lum naħseb li wasalt.

Naqraw fil-Ktieb tal-Ġenesi (XXI-9) illi l-ilsira Agar ġiet minn Abram imkeċċija ma' binha Ismael fix-xagħri u ma kellhiex ħlief ftit ilma f'ġild ta' ħaruf u xi ħbiżtejn. Meta temmewhom kienu sejrin imutu bil-għatx; għalhekk talbu 'l Alla l-Imbierek biex jidħol għalihom. U Huwa bagħatilhom Anġlu li wriehom bir li kien fil-qrib. Dak ix-xagħri kien fl-Arabja Pehrea, in-naħa tal-Mecca u l-bir imsemmi "ta' Żemżem", sew sew kif aħna ngħidu l-kelma.

Naħseb immela u bir-raġun li dil-kelma ħallewhielna l-Għarab mita kienu jsaltnu f'Malta u għalhekk hija waħda mill-eqdem kliem li għandna fi lsienna.

M. D. C.

# X'igħid il-Malti

Kien tant bard li kulħadd beda jċekċek snienu.

Mar l-Amerka u Alla m'għamlu, għax ħadd ma sema' b'aħbaru.

Il-kelb għamel għalih u gidmu.

Il-borma min iħawwarha jkun jaf x'fiha.

Jien naf il-borom tiegħek, u nista' ngħidlek li xejn m'huma sbieħ.

Il-borma tal-ġara xxommha tfuħ.

Il-kelb il-mismut, kull ilma jaħsbu misħun.

Iż-żwieġ hi rabta bil-lsien li ma tħollhiex bis-snien, u għalhekk xejn mhu rabta ċoff.

Għandek għajnejk ikbar minn żaqqek.

Żaqqu ma' dahru għax ilu ma jiekol xi erbat ijiem.

Dak ix-xiħ li qed tara hemm, hu għama iżraq.

G. Z. A.

# L-Għanja tal-Mewġ

Nofrogħ u nogħla
mal-blat nitbewwes
f'waqtiet ta' hena
taħt dawl ix-xemx,
u qalb il-ħofor
ġol-art inkewwes
bil-fidda tilgħab,
ġmiel bħalu m'hemmx.

Jien ngħid għalija
l-oħla għaxqa tiegħi
meta jitbandlu
ħelwin u sbieħ
dgħajjes bil-qtajja'
imħaddna miegħi
bil-qlugħ miftuħa
mexjin mar-riħ.

Daqqiet xi għanja
nismagħha ġejja
maż-żiffa bierda,
ma nafx imnejn,
għanja ta' mħabba
li tibq' għaddejja,
għanja mbikkija
li ddub fix-xejn.

Min jaf f'dik l-għanja
ta' qalb maqsuma,
li smajt titniegħed
ma' għjieb in-nhar,
kemm biki tigbor
ta' ħajja nxuma,
xewqat li ġġarrfu,
ħolm l'issa tar.

Hekk din il-ħajja:
ftit dawl ta' mħabba,
seħer li jhenni,
ħlewwa tgħaxxik;
dlonk taqa' d-dalma
tal-hemm li jxabba':
hemm, għawġ u niket
merfugħa għalik.

Ħajti bħal ħajtek
tidħak sabiħa
taħt qamar mimli
f'sema tan-nir;
mhux hekk għal dejjem
f'nagħsa xaħxieħa
bla qilla ħajti
ngħaddi ħarir.

Nisma' r-riħ jobrom,
jaħtafni miegħu,
b'saħħa jimlieni,
nogħla tgħidx kemm,
bħal tfajjel ċkejken
merfugħ fi drieghu,
jimxi u jsuqni
'l hinn 'l hawn u 'l hemm.

Tgħidlix, ja bniedem,
qalbi ħażina
meta tarani
nilgħab biġ-ġfien;
Tgħidlix imgħaddab:
"Mur u ħallina!"
Tixtieqni nieqaf?
Kif nista' jien?

Ir-riħ isuqni
b'qawwa moħbija:
hu li jdeffisni
f'taqbidiet qliel;
tgħib minn ġo ruħi
tas-sliem id-dija,
tmut minn fuq wiċċi
d-daħka ta' ġmiel.

Jien ma rridx ħsara;
inħobb nitbewwes
mal-blat u nofrogħ
taħt dawl ix-xemx,
u qalb il-ħofor
ġol-art inkewwes
bil-fidda tilgħab,
ġmiel bħalu m'hemmx.

ĠUŻE CHETCUTI